SANTA LUĊIJA

# MINUTI – IS-SITT KUNSILL

## LAQGĦA NUMRU 16-13

Illum it-Tnejn, 8 ta' Lulju 2013
Il-Kunsill iltaqgħa fl-Uffiċċju Amministrattiv, 5/6 Binja tal-Faqqani, Trejqet il-Ġirasol, Santa Luċija fit-3.30pm.

## PREŻENTI

Is-Sindku Frederick Cutajar, il-Viċi Sindku Terrance Ellul u l-Kunsilliera: Joe Bonello, Caroline Galea u Victor Camilleri

## ASSENTI

Ħadd

## TALBA

Is-Sindku qal it-talba.

## 1. MINUTI

Il-Minuti tal-Laqgħa numru 15-13 li saret nhar it-Tnejn, 24 ta' Ġunju 2013 ġew moqrija u approvati.

## 1.1 *Mill-Minuti*

### *1.1.1* **Phone Booth**

B'referenza għall-minuta 8.2 tal-laqgħa preċedenti għandu jintbagħt *reminder* lil kwartieri ġenerali tal-pulizija dwar l-installazjoni ta' *Phone Booth* ma' l-ġenb ta' l-għassa.

**1.1.2** B'referenza għas-Seminar għaż-Żgħażagħ li kellu jsir nhar is-Sibt, 6 ta' Lulju 2013, is-Sindku qal li dan ġie pospost għal data li titħabbar aktar 'il quddiem.

**1.1.3** B'referenza għall-proposta tal-Kunsill fir-rigward tal-*Bring in site* f'Dawret it-Torri s-Sindku qal li kien ser jerġa jkellem lil Green Mt dwar il-*platform* li kellha ssir aktar l-isfel fi Trejqet Garnaw.

## 2. KORRISPONDENZA

## 2.1 *Listi*

Lista tal-korrispondenza riċevuta u lista oħra tal-korrispondenza mibgħuta mill-Kunsill bejn l-24 ta' Ġunju 2013 u t-8 ta' Lulju 2013 ġew ippreżentati fil-laqgħa.

Kopja taż-żewġ listi ntbagħtu lil Kunsilliera kollha.

### 2.2.2 *Ittri li rċieva l-Kunsill:*

- 697/13/I – Clifford Vella – Ktieb dwar Għawdex
- 700/13/I – Dipartiment għall-Gvern Lokali – *Merchant Accounts*.
- 725/13/I – Mepa – Konsultazzjoni Pubblika
- 729/13/I – *Artists - Malta Year of Culture 2018*
- 730/13/I – Dipartiment għall-Gvern Lokali – *Regional Sports Festival*
- 734/13/I - Mepa - *Community Centre*

### 2.3 *Rapporti u Dokumenti oħra ppreżentati lil Kunsill:*

- *Agreement between Santa Luċija Local Council and Datatrak IT Services Ltd*

## 3. PUNTI MQAJMA

**3.1** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 697/13/I il-Kunsill qabel li jiġbed l-attenzjoni tal-librar tal-Kunsill dwar xiri ta' kotba ġodda dwar Għawdex.

**3.2** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 700/13/I il-Kunsill ġie nfurmat li d-Dipartiment għall-Ġvern Lokali qed jitlob li l-Kunsilli Lokali jkollom *Merchant Account* ma' l-HSBC u l-BOV biex kulħadd ikollu l-għazla li japplika għall-permessi tal-krejnijiet *online.*

**3.3** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 725/13/I is-Sindku tkellem dwar laqgħa li ser ikollu ma rappreżentanti tal-Mepa fir-rigward ta' konsultazzjoni pubblika li ser tiġi organizzata mis-Segretarjat Parlamentari għall-Ippjanar. Il-Kunsill iddiskuta l-viżjoni tal-Kunsill għal l-għaxar snin li ġejjin u s-*South Local Plan* li kienet approvata fis-sena 2006. Il-Kunsill ser jinżamm infurmat bl-andament tal-laqgħa msemmija.

**3.4** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 729/13/I il-Kunsill qabel mal-proposta ta' tlett artisti li qed jipproponu li jagħmlu diversi skulturi fil-lokalita' ta' Santa Luċija fl-okkazzjoni tas-Sena tal-Kultura 2018. Għandha tiġi organizzata laqgħa ma' dawn l-artisti f'dan ir-rigward.

**3.5** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 730/13/I, il-Kunsill qabel li jipparteċipa fir-*Regiional Sports Festival* li ser jiġi organizzat mir-Regjun Nofsinhar. Il-Viċi Sindku ġie inkarigat bil-kordinazzjoni ta' din l-inizjattiva.

**3.6** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 734/13/I il-Kunsill innota ittra tal-Mepa fir-rigward tal-proposta ta' żvilupp għaċ-Ċentru Ċiviku. Il-Kunsill iddiskuta dwar il-*Building Levy* li l-Kunsill ġie mitlub biex iħallas u li skond l-i*screening letter* tammonta għal madwar €14698.56. Il-Kunsill qabel li m'għandux fondi allokati għal dan il-għan u qabel ukoll li jiddiskuti din is-sitwazzjoni mad-Dipartiment għall-Gvern Lokali u l-Gvern Ċentrali.

## 4. KOMUNIKAZZJONIJIET

### 4.1 *Kuntratt mad-Datatrak Ltd dwar l-LES*

Is-Sindku nforma l-Kunsill li issa li s-Sistema ta' l-Infurzar Lokali għaddiet f'idejn ir-Reġjuni, l-Kumitat Konġunt Grupp G ser jiġi xolt. Huwa qal li għalhekk il-flus minn kontravenzjonijiet li saru qabel l-1 ta' Settembru 2011 ser jibdu jidħlu direttament fil-kontijiet tal-Kunsilli li kienu jiffurmaw dan il-Kumitat. Huwa qal li kien hemm il-bżonn li l-Kunsill jidħol fi ftehim mad-Datatrak Ltd dwar l-ipproċessar ta' dawn il-kontravenzjonijiet.

### *4.2 Xogħol ta' manutenzjoni*

Il-Kunsill qabel li jsir xogħol ta' manutenzjoni ta' diversi ċnut u kaptelli mkissrin. Is-Sindku qal li kien ser jiltaqgħa ma' l-kuntrattur biex flimkien iduru dawn ix-xogħolijiet biex issir il-manutenzjoni meħtieġa.

Il-Kunsill qabel ukoll li issir talba lil Ministeru għat-Trasport u Nfrastruttura biex isir manutenzjoni tal-ġibjun f'Wied Garnaw.

### *4.3 Kwotazzjonijiet*

#### *4.3.1 Manutenzjoni ta' bankijiet ta' l-injam*

Il-Kunsill iddiskuta kwotazzjoni għal xogħol ta' manutenzjoni ta' 24 bank ta' l-injam li hemm fi Pjazzi 7 ta' Lulju liema kwotazzjoni kienet tammonta għas-somma ta' €3,996.66. Fir-rigward ta' din l-ispiża l-Kunsill qabel li din hija spiża konsiderevoli u għalissa jitlesta x-xogħol fuq il-bankijiet li ssemmew fil-laqgħa preċedenti. Is-Sindku ppropona li l-Kunsill jagħmel talba liċ-Chairman ta' IPSL biex l-Kunsill jerġa jingħata ħaddiema assenjati miegħu. Huwa semma diversi snajja li jistgħa jkollom dawn il-ħaddiema fosthom żebbiegħa, *welders* u *joiners* li kollha jistgħu jgħinu lil Kunsill fuq xogħol ta' manutenzjoni.

*4.3.2 Manutenzjoni tar-rubber matting fil-Playing Field Area*

Kwotazzjoni oħra kienet dik għal manutenzjoni tar-*rubber matting* li hemm fil-*playing field area*. Din kienet tammonta għas-somma ta' €2441.00 u l-Kunsill qabel li għalissa għandha ssir biss l-*area* tal-*Playcentre* u l-*cradle swing* għax l-aktar li għandhom bżonn manutenzjoni filwaqt li l-partijiet l-oħra jsiru aktar il-quddiem.

*4.4 Ħarġa għall-Għawdex*

Il-Kunsillier Joe Bonello nforma l-Kunsill dwar ħarġa għall-Għawdex li kien ser jorganizza fix-xahar ta' Awissu 2013.

*4.5 Avviżi ta' attivitajiet organizzati mill-Klabbs*

Qamet diskussjoni dwar attivitajiet li jiġu organizzati mill-klabbs, b'mod partikulari dawk sportivi, li jiġu organizzati għall-pubbliku bi ħlas. Il-Viċi Sindku wera x-xewqa li jkun hemm il-Logo tal-Kunsill fuq dawn l-avviżi bħala sens ta' koperazzjoni bejn il-klabbs fil-lokalita' u l-Kunsill Lokali. Ġie spjegat li l-Kunsill ma jistax jidher involut fuq attivitajiet li jsiru bi ħlas u bi qliegħ meta ma jkollu xejn x'jaqsam ma' l-organizzazjoni tagħhom.

## 5. AFFARIJIET FINANZJARJI

### 5.1 *Ħlas ta' pagamenti*

Approvazzjoni għall-ħlas ta' kontijiet permezz ta' ċekkijiet minn numru BOV4624 sa numru BOV4659 kif illistjati fl-iskeda tal-pagamenti għal perjodu bejn l-24 ta' Gunju 2013 u l-5 ta' Lulju 2013,

Lista ta' *Schedule of Payments* intbagħtet lil Kunsillieri kollha flimkien mal-Minuti numru 15-13 (24-06-2013)

### 5.2 *Approvazzjoni għall-Ħlas tas-Salarji*

Salarji għax-xahar ta' Ġunju 2013 Ammont *Gross* €5454.24

### 5.3 *Approvazzjoni għall-Ħlas ta' Kontijiet dwar Xogħolijiet bil-Kuntratt:*

| Kuntrattur | Kuntratt | Kont | Ammont Euro |
|---|---|---|---|
| ELC Ltd | PKG57 | Serv – Ġunju 2013 | 2061.50 |

6. **TMIEM/AĠĠORNAMENT**

Il-Laqgħa ntemmet fil-5.00 p.m.

Il-Kunsill jerġa’ jiltaqa' nhar it-Tnejn, 26 ta’ Awissu  2013 fl-4.30 p.m.

**Caroline Silvio**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Approvati llum ...................,...... ta' ...................… 2013**

**Frederick Cutajar**
**Sindku**